MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 815/2007

**Darren GRIMA**

**vs**

**Joshua GRIMA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-27 ta' Lulju, 2007, li bih ir-rikorrent talab li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrek iħallsu s-somma ta' tnejn u għoxrin elf lira Maltija (Lm22,000)[1] li jirrappreżenta l-bilanċ li għadu lilu dovut skond kitba privata ta' kostituzzjoni ta' debitu li saret bejniethom fl-10 ta' Mejju, 2006; u li din il-Qorti taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;

[1] € 51,246.20

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jidher għall-kawża kull darba li ssejħet jew li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-Avukat tar-rikorrent waqt is-smigħ tal-lum;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-intimat tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors bl-ispejjeż kontra l-intimat, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effet mill-20 ta' Settembru, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------